REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 103/2013

tal-4 ta' Frar 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 786/2007 fir-rigward ta' isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-prepazzjoni tal-endo-1,4-beta-mannanaży KE 3.2.1.78 (Hemicell)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) ChemGen Corp. ressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 li tipproponi bidla f'isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni fir-rigward tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 786/2007 ([2]) rigward l-awtorizzazzjoni għal 10 snin ta' tħejjija tal-endo-1,4-beta-mannanaży KE 3.2.1.78 (Hemicell) li hija parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jsaħħu d-diġestibbiltà".

(2) L-applikant iddikjara li b'effett mill-10 ta' Frar 2012, ChemGen Corp. ħaditha Eli Lilly and Company Ltd. li issa hija s-sid tad-drittijiet tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dan l-addittiv. L-applikant ressaq dejta rilevanti li tappoġġa t-talba tiegħu.

(3) Il-bidla proposta fit-termini tal-awtorizzazzjoni hija ta' natura purament amministrattiva u ma tinvolvix valutazzjoni ġdida tal-addittiv ikkonċernat. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ġiet mgħarrfa b'din l-applikazzjoni.

(4) Sabiex Eli Lilly and Company Ltd. tkun tista' tisfrutta d-drittijiet tagħha tal-kummerċjalizzazzjoni, hemm bżonn li jinbidlu t-termini tal-awtorizzazzjoni.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 786/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Billi r-raġunijiet tas-sikurezza ma jeħtiġux l-applikazzjoni immedjata tal-emenda li dan ir-Regolament għamel lir-Regolament (KE) Nru 786/2007, huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżitorju li matulu jkunu jistgħu jintużaw il-ħażniet eżistenti.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-kolonna 2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 786/2007 il-kelmiet "ChemGen Corp., irrappreżentata minn Disproquima S.L." jinbidlu bil-kelmiet "Eli Lilly and Company Ltd.".

Artikolu 2

Il-ħażniet eżistenti tal-addittiv li huma konformi mad-dispożizzjonijiet li japplikaw qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw kollha.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 175, 5.7.2007, p. 8.